Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 538/2015

Il-Pulizja

Vs

Gaetan Gatt

Illum 26 ta' Mejju, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Gaetan Gatt detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 5372 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Meta b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u jkunu gew maghmula wahda, minn Jannar 2015 sa April 2015,meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b' kuntratt naqas li jaghti lil Carol Attard u/jew lill-uliedu s-somma fix-xahar iffissata minn dik il-Qorti jew stipulate bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-4 ta' Dicembru, 2015, fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati u ghaldaqstant ikkundannatu ghal xahrejn prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Gaetan Gatt pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Dicembru, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara nulla s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti u b' hekk tirrevoka, thassar, tvarja u tirriforma s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti u dana minhabba n-nullita tan-notifika kif hawn indikat. Subordinament fil-kaz ta' sejbien ta' htija, tirriformaha u tvarjaha ghal dik li hija piena nflitta billi taghti piena aktar xierqa u gusta ghac-cirkostanzi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Gaetan Gatt huma s-segwenti w cioe':-

Aggravju numru 1:

1. Illi fir-rigward l-ewwel aggravju relattiva ghan-nullita' tan-notifika r-rikorrenti umilment jissottometti li dak li gie esebit illquddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti ai finijiet ta' notifika huwa estratt minn pubblikazzjoni li fiha ma hemmx indikat liema huma l-akkuzi dedotti fil-konfront tar-rikorrenti u ma hemmx indikat l-indirizz tar-rikorrenti fl-istess pubblikazzjoni.

2. Illi sabiex kull akkuzat ikun fil-pozizzjoni li jiddefendi lilu nnifsu jrid ikun munit almenu bl-akkuzzi dedotti fil-konfront tieghu. Illi l-emendi li wasslu sabiex in-notifika relattiv tista ssir permezz ta' pubblikazzjoni, tajba kemm hi tajba (jew hazina kemm hi hazina) ma tnehhi qatt minn dan l-obbligu fuq il-prosekuzzjoni li taghmel mezz li akkuzat ikollu f' idejn l-akkuzi relattivi. F' dan il-kaz dak li gie esebit ai finijiet ta' notifika huwa biss estratt li mkien ma juri l-akkuzi li dwarhom ir-rikorrenti kien qed jigi akkuzat.

3. Oltre dan, imkien ma hemm indikat l-indirizz fejn in-notifika (fis-sens wiesgha tal-kelma saret)

4. Ir-rikorrenti ghalhekk umilment jikkontendi li n-notifika in kwistjoni kienet nulla.

Aggravju numru 2:

1. It-tieni aggravju huwa relatat mal-piena nflitta.

2. L-artikolu 338 (z) jispjega bic-car fejn tidhol il-htija tar-rikorrenti u dwar dan ma hemm ebda punti li dwarhom jista' jilmenta. Infatti l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza 'Il-Pulizija vs Alfred Camilleri' (18/9/2002) meta ccitat b' approvazzjoni sentenza ohra tal-istess Qorti diversament preseduta, (Appell Krim. Pul vs Anthony Saliba; (15/7/1998) spjegat bic-car, '...ilfatt li persuna tisfa' bla xoghol ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-Digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant. Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utli lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. U biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jhallas inqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skond l-Ewwel Digriet. Fi kliem iehor sakemm ikun ghadu vigenti digriet tas-Sekond Awla jew Digriet jew sentenza tal-Prim Awla jew tal-Qorti tal-Appell, li jordna l-hlas ta' manteniment, din il-Qorti ma tistax hlief issib u tikkonfermaha l-htija, fejn l-appellant ikun naqas li jottempera ruhu ma tali digriet jew sentenza, tkun xi tkun ir-raguni, jew pretest biex jaghmel dan. Altrimenti, din il-Qorti, minflok Qorti tal-Appell Kriminali, tispicca tirriduca ruha f' wahda ta' revizjoni dwar l-effikacja u r-ragonevolezza

ta' Digrieti jew sentenzi tal-Prim Awla u tal-Qorti tal-Appell u Digrieti tas-Sekond Awla, mansjoni li zgur li ma taqax that il-kompetenza taghha.

3. Izda fid-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali presjedut mill-Onor. Inhallef J. Galea Debono fis-seduta tas-27 ta' Lulju, 2006 fl-Appell Kriminali numru 84/2006 Il-Pulizija vs Joseph Micallef saret riferenza b' approvazzjoni ghall-Appell Kriminali 'Il-Pulizija vs Publius Said' (25/9/2003), l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il-kontravenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom biex effetivament ihallsu w mhux biss li jippunxxi ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrai, li kif intqal, ghandhom dejjem jigu obduti w osservati skruplozament. F' dan il-kaz dan il-ghan issa ntlahaq bil-hlas fuq imsemmi.

4. L-imposizzjoni ta' prigunerija hija, f'kazijiet bhal dawn, u dejjem bir-rispett, odjuza jekk ma twassalx finalment ghall-hlas ta' manteniment kif dovut skond il-kuntratti jew digriet in kwistjoni. Il-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti kkundannat lir-rikorrenti x-xahrejn habs indikati ser izzid il-hardship li tista' ssofri l-kwerelanti stante li r-rikorrenti mill-habs ma jkunx jista jaqta' l-manteniment mertu tal-kwerela odjerna.

5. Jizdied jinghad ulterjorment illi hija verita fattwali u assoluta li jekk ir-rikorrenti jerga jmur il-habs fuq l-akkuzi mertu ta' dan l-Appell ma jkunx qed jintlahaq l-iskop tal-legislazzjoni – anzi propju bil-kontra.

6. Illi rigward l-Ewwel Aggravju relattiva ghan-nullita' tan-notifika r-rikorrenti umilment jissottometti li dak li gie esebit quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti ai finijiet ta' notifika huwa estratt minn pubblikazzjoni li fiha ma hemmx indikat liema huma l-akkuzi dedotti

fil-konfront tar-rikorrenti u ma hemmx indikat l-indirizz tar-rikorrenti fl-istess pubblikazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellanti jerga iressaq 'il quddiem l-ilment tieghu ipprezentat quddiem l-Ewwel Qorti dwar l-irregolarita tan-notifika lilu maghmula tal-avviz ta' tahrika billi isostni illi fin-notifika lilu maghmula qatt ma giet indikata in-natura ta'l-akkuza u lanqas ma gie indikat l-indirizz fejn huwa gie hekk innotifikat.

Illi minn ezami akkurat ta'l-atti jirrizulta illi n-notifika maghmula lill-appellanti saret fit-termini ta' dak dispost fir-regolament 8 ta'l-Avviz Legali 335 tal-2014 li tirreferi ghat-tentattiv tat-tieni notifika lill-persuna akkuzata meta jinghad:

**"Fil-każ li mat-tieni tentattiv li tiġi notifikata l-persuna, in-notifika tal-att ġudizzjajru ma tistax issir skont ir-regolamenti 4 u 5, l-uffiċjal inkarigat bin-notifika għandu jħalli t-taħrika fl-aħħar indirizz reġistrat jew iwaħħal it-taħrika mal-bieb tal-aħħar indirizz reġistrat:**

**Iżda l-uffiċjal ma jistax iħalli t-taħrika fl-aħħar indirizz reġistrat jew mwaħħla mal-bieb tal-aħħar indirizz reġistrat sakemm ma jkunx sar it-tieni tentattiv l-għada jew wara li jiskadi xi perjodu itwal.**

**(b) Barra minn hekk estratti tal-att ġudizzjarju għandhom jiġu ppubblikati darba fil-Gazzetta jew f'wieħed mill- ġurnali ta' kuljum, liema estratti għandu jkun fihom l-isem u l-kunjom ta' min wettaq ir-reat, in-numru tad-dokument ta' identifikazzjoni legalment validu ta' min wettaq ir-reat, il-Qorti rispettiva ta' fejn ser isir is-seduta, id-data u l-ħin ta' fejn ser issir is-seduta u l-akkużi:**

Issa tali notifika tirrizulta mid-dokumenti esebieti a fols 4 sa 6 tal-process li jinkludu estratt mir-Registru Elettorali mahrug f'April 2015 minn fejn jirrizulta l-ahhar indirizz irregistrat ta'l-appellanti, ir-riferta tal-ufficjal tal-posta li wahhal it-tahrika mal-bieb ta' barra tar-residenza ta'l-appellanti u dan wara zewg tentattivi ta' notifika ai termini tar-regolament 4 ta'l-

imsemmi Avviz Legali u l-estratt mill-gazzetta The Malta Independent tas-07 ta' Ottubru 2015 minn fejn jirrizulta d-data, l-hin u il-lok tas-seduta u l-artikolu tal-ligi li tahtha l-appellanti kien qed jigi akkuzat u cioe' l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa ghalkemm huwa minnu illi ma hemmx indikazzjoni ghal liema perijodu taz-zmien ir-reat jirreferi madanakollu ma hemmx dubbju illi b'tali notifika l-funzjoni tal-avviz jew citazzjoni intalahaq. Dan ghaliex l-appellanti deher quddiem il-Qorti fid-data, l-hin u il-post lilu indikat fejn f'dak il-jum l-kawza fuq talba tal-partijiet giet differita ghal data ohra. Illi imbaghad fit-tieni seduta quddiem il-Qorti l-kawza instemghet u giet deciza, fejn ghalkemm l-appellanti jilmenta mill-irregolarita tan-notifika lilu maghmula tal-akkuza, madanakollu xortawahda iressaq id-difiza tieghu u l-kawza giet deciza[1]. Illi inotlre tul dan il-perijodu taz-zmien huwa qatt ma talab biex jigi innotifikat bl-akkuza jew ilmenta mill-fatt illi ma kienx konsapevoli tan-natura ta'l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi kif gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza c-citazzjoni mahruga fil-konfront tal-persuna akkuzata ghandha l-funzjoni ta' avviz ghad-dehra ta' dik il-persuna imsejha biex twiegeb ghal xi fatt inkriminati. Illi meta allura l-appellanti laqa' dik in-notifika u wiegeb ghas-sejha lilu maghmula, il-funzjoni tal-*avviso da comparire* gie ezawriet anke fil-kazijiet fejn tali avviz ma ikunx ghal kollox korrett fid-dettalji imfissra fih. Galadarba l-imputat ikun wiegeb ghas-sejha ta' dik ic-citazzjoni, kif inghad il-funzjoni principali ta' l-istess citazzjoni tkun intlahqet. Fil-kaz ta' **Il-Pulizija v. Benny Zaffarese u Anna Zaffarese** (13/01/1995) inghad in partikolari hekk:

**"Anke li kieku dawn id-dettalji jew xi whud minnhom kienu zbaljati, wahda mill-funzjonijiet primarji tac-citazzjoni, u cioe` li sservi ta' 'avviso a comparire', twettqet <u>u giet ezawrita</u> meta l-appellant, allura imputat, deher quddiem l-ewwel qorti.... ."**

[1] Ara verbali tat-12 ta' Ottubru 2015 u 4 ta' Dicembru 2015 a fols. 7 u 8 tal-process

Illi sahansitra l-Avviz Legali stess jipprevedi tali sitwazzjoni meta jinghad fis-subregolament 2 tar-regolament 4 li jitkellem dwar in-notifika tat-tahrika li tithalla ma terza persuna u mhux mal-persuna imharrka illi:

**"L-ebda oġġezzjoni ma tista' titressaq fuq il-bażi ta' irregolarità tan-notifika għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fil-provisos ta' hawn qabel, jekk jirriżulta li n-notifika fil-fatt tkun waslet għand il-persuna li kellha tirċeviha jew jekk il-persuna tidher quddiem il-Qorti."**

Issa bil-fatt illi l-appellanti deher il-Qorti sahansitra fl-ewwel jum iffissat ghas-smigh tal-kaz u rega deher ghat-tieni seduta xahrejn wara minghajr qatt ma ilmenta mill-fatt illi huwa kien injar ta' l-akkuza li kien qieghed jiffaccja, ifisser illi huwa kien qed jaccetta n-notifika tieghu bhala wahda regolari u li allura kien ben konsapevoli tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u hejja id-difiza ghaliha**.** Ghaldaqstant dan l-aggravvju qed jigi rigettat.

Fit-tieni lanjanza tieghu diretta lejn is-sentenza impunjata l-appellanti jilmenta illi l-piena inflitta fuqu hija wahda esagerata tenut kont tal-fatt illi huwa kien jinsab fl-impossibilita' li ihallas il-manteniment dovut ghal perijodu indikat fl-akkuza billi huwa kien jinsab inkarcerat. Issa ma hemmx dubbju illi l-appellanti naqas milli ihallas il-manteniment dovut lil martu ghal perijodu indikat fl-akkuza. Jidher ukoll illi f'din l-ahhar sena huwa lanqas ghamel l-icken tentattiv biex ihallas dan l-ammont jew ghal ta'l-inqas xi parti minnu. Jilmenta mill-fatt illi huwa kien jinsab inkarcerat izda prova ta' dan ma tezistiex fl-atti u lanqas jirrizulta dan il-fatt mill-fedina penali esebieta. Ma jirrizultax lanqas illi tul dan il-perijodu ta' zmien huwa adixxa lill-qorti kompetenti u cioe' lill-qorti civili sabiex jiskeb xi varjazzjoni ta' dan l-obbligu impost fuqu skont il-ligi ghar-raguni indikata minnu. Illi ghalhekk rinfaccjata b'din il-letargija minn naha ta'l-appellanti il-Qorti issa ghandha idejha marbuta u ma tara li hemm l-ebda mottiv li jista' igieghlha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti. Illi ukoll din il-Qorti ma tistax ma tikkumentax dwar il-fatt illi l-agir ta'l-appellanti huwa wiehed volutament ripetut billi mill-fedina penali tieghu jirrizultaw diversi vjolazzjonijiet ta' dan l-obbligu tieghu li jissoministra l-manteniment lil martu.

Ghaldaqstant ma jidher illi hemm l-ebda mottiv legali jew fattwali li tista' twassal lil din il-Qorti sabiex tvarja il-piena erogata mill-Ewwel Qorti li gustament dehrilha illi l-infrazzjonijiet kontinwi ta'l-appellanti ma haqqhomx trattament xort'ohra.

Illi gie deciz: *"L-iskop tal-legislatur, meta introduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fl-1983, kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcitranti sabiex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpunixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti, jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi."*[2]

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata, izda billi l-appellanti hallas l-ammont tal-manteniment dovut, il-Qorti qed taghmel rakomandazzjoni lill-President tar-Repubblika sabiex il-piena tinhafer f'kollox jew parti u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 494 tal-Kaptolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputuat Registratur

[2] Il-Pulizija va Publius Said – 25/09/2003 App.Inf